C/2023/789

9.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11232 — PETRONORD SCANDINAVIA / PS ENERGI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/789)

1. Fil-31 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Petronord Scandinavia AB ("Petronord", l-Iżvezja), ikkontrollata minn Marquard & Bahls AG (il-Ġermanja),

— PS Energi AB ("PS Energi", l-Iżvezja), ikkontrollata bi sħab minn Petronord, Magnus Sjöö AB (l-Iżvezja) u Linda Sjöö AB (l-Iżvezja).

Petronord se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' PS Energi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt jew xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Petronord hija kumpanija azzjonista. Il-grupp huwa attiv fl-Iżvezja fil-bejgħ tal-enerġija bħaż-żejt għat-tisħin u diesel lill-konsumtaturi, fid-distribuzzjoni ta' lubrikanti, fit-tħaddim ta' stazzjonijiet ta' servizz għal flotot ta' trakkijiet kummerċjali, u fil-kummerċ ta' pellets tal-injam u titpi differenti ta' gass,

— PS Energi hija kumpanija li tbigħ l-enerġija u l-fuel b'attivitajiet fl-Iżvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11232 — PETRONORD SCANDINAVIA / PS ENERGI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË